Mistoqsija għal tweġiba bil-miktub E-007553/2016
lill-Kummissjoni
Artikolu 130 tar-Regoli ta' Proċedura
Miriam Dalli (S&D)

Suġġett: L-imblukkar ta' riklamar fil-livell tan-netwerk

Il-pjanijiet tal-kumpaniji Ewropej tal-mowbajls biex jimblokkaw riklami tul in-networks tagħhom qalgħu daqqa ta' ħarta wara li r-regoli l-ġodda tat-telekomunikazzjonijiet tal-UE ipprojbixxew dan il-proċess. Il-linji gwida ppubblikati mill-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (BEREC) wissew lir-regolaturi lokali tal-mowbajls, li filwaqt li l-konsumaturi għandhom ikunu jistgħu jinstallaw applikazzjonijiet għall-imblukkar tar-reklami fuq il-mowbajl tagħhom, imblukkar fil-livell tan-network għandu jkun ipprojbit.

Kif se jipproteġu lilhom infushom iċ-ċittadini Ewropej milli jiġu traċċati, isir profil tagħhom u li jkunu fil-mira ta' reklamar diġitali skont il-linji gwida msemmija hawn fuq?